MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 403/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**Vs**

Noel Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Noel Aquilina karta ta’ identita’ 40976(M) akkuzat b’diversi atti wkoll jekk maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Nhar id-19 ta’ Gunju, 2001 f’Hal-Luqa, ikkommeta serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla Piaggio Porter numru ta’ registrazzjoni LCK137 liema serq huwa

kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Alfred Fenech mill-Gzira;

Nhar il-15 ta' Gunju, 2001 fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Peugeot 106 numru ta' registrazzjoni KAK183 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Marion Zeimann mill-Germanja;

Nhar l-14 ta' Gunju, 2001 fil-hamrun, ikkommeta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Toyota numru ta' registrazzjoni DAN514 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi il-mitt lira Maltin u ma jaqbizx l-elf lira Maltin, u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Nazzareno Calleja mill-Mosta;

Nhar it-8 ta' Gunju, 2001 f'Hal-Qormi, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Peugeot 106 numru ta' registrazzjoni BBJ749 liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Giorgia Muscat minn Hal-Qormi;

Nhar il-5 ta' Jannar, 2002 fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Honda numru ta' registrazzjoni BRA660 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda anqas minn elf lira Maltin, bil-mezz u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Carmel Azzopardi mill-Imsida;

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fil-vettura Nru BRA660 ghad-dannu ta' Marianna Azzopardi u fil-vettura KAK183 ghad-dannu ta' Anthony Azzopardi liema hsara f'kull kaz hija ta' aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500;

Talli fl-istess data u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta instab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula:

“biex f’kaz ta’ htija l-Qorti titratta mal-imputat Noel Aquilina talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta u cioe’ specifikament sentenza datata 19 ta’ Lulju, 2000 moghtija minn din l-istess Qorti fejn l-imputat gie kkundannat ghal perjodu ta’ 3 snin probation taht l-Artikolu 5 tal-Kap 152 u sentenza ohra datata 19 ta’ Ottubru, 2000 moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera b’sentejn habs sospizi 3 snin. Id-difiza qed taghti ruhha b’notifikata bic-citazzjoni kif koretta”.

Rat in-nota tal-Avukat generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja mhux opposta mill-imputat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet l-imputat jiddikjara li kien qieghed jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni hu insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza principali kontra l-imputat titratta diversi serqiet. Hu akkuzat ukoll bi hsara volontarja, b’recidiva, li kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 u li kkommetta r-reati fil-perjodu ta’ sentenza sospiza.

Issa l-imputat qieghed jammetti l-akkuzi liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata u ghalhekk ghandu jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

M’hemmx dubbju li l-akkuzi jimmeritaw sentenza karcerarja izda f’dan il-kaz hemm fattur importanti, fil-fehma tal-Qorti, li jimmilita kontra l-adozzjoni ta’ din il-piena. Jirrisulta fil-fatt li l-imputat iddecida minn rajh li jizvela s-serq li wettaq stante li ried jirriforma u jbiddel hajtu. Jidher li dan il-pass l-imputat wettqu b’success u illum, wara li ghamel perjodu inkarcerat u ghamel programm ta’ rijabilitazzjoni, sab impieg u qieghed jghix

mal-familja tieghu u jikkura. Il-Qorti m'hiex tal-fehma li tkisser din l-armonija li l-imputat illum sab f'hajtu.

Ghaldaqstant tiddecidi wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 264, 267, 271(g), 278, 279(1), 280, 18, 17, 31, 49, 50 u 28B tal-Kap 9 li waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, tpoggih taht ordni ta' servizz fil-kommunita' ta' mija u ghoxrin siegha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 wara li osservat ir-rekwizi skond is-subincis 3 tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-ksur ta' ordni ta' probation u ksur ta' sentenza sospiza l-Qorti tinnota li gja ittrattat mal-imputat b'sentenza moghtija illum stess.

Ghal dik li hi hsara sofferta minn terzi konsegwenza r-reati l-Qorti wara li rat l-Artikolu 24 tal-Kap 446 tikkundanna ukoll l-imputat li jikkumpensa lil Alfred Fenech fis-somma ta' Lm150, liema Alfred Fenech xehed f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------